MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Appell Kriminali Numru. 156/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Aquilina**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Aquilina talli fix-xhur ta' Marzu u April, 2003 naqas li jaghti l-manteniment ta' Lm25 fil-gimgha pagabbli lil martu skond il-kuntratta ta' separazzjoni tad-19 ta' Ottubru, 1990;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Lulju, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-Joseph Aquilina hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu,

ikkundanntu ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm25), u ordnatlu li jhallas mitejn lira manteniment lil martu[1];

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Joseph Aquilina, minnu ppresentat fis-6 ta’ Awissu, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

Mill-provi jirrizulta li wara li l-appellant kien marad serjament – u l-marda serja tieghu ma hix qed tigi b’xi mod kontestata mill-prosekuzzjoni, u anke martu tikkonferma li l-appellant ghamel periodu diehel u hiereg l-isptar minhabba din il-marda – huwa gie *boarded out* mill-impieg li kellu b’mod li l-pensjoni ta’ l-invalidità, u ghalhekk l-uniku dhul li issa kellu l-appellant, kienet ta’ Lm154 fix-xahar. L-appellant u martu, però, ma rrikorrewx quddiem l-allura Sekond Awla biex ivarjaw il-kuntratt in kwantu jirreferi ghall-manteniment, ghalkemm l-appellant effettivament beda proceduri fil-kontenzjuz biex jigi awtorizzat ma jkomplix ihallas il-manteniment skond il-kuntratt. Il-prosekuzzjoni taccetta li dan kien kaz genwin ta’ persuna li sab ruhhu f’diffikultà kbira biex ikompli jhallas il-manteniment ta’ Lm25 fil-gimgha lil martu. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, huwa l-kaz li tigi applikata d-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 22(1) tal-Kap. 446. Inoltre din il-qorti ma tarax taht liema disposizzjoni tal-ligi setghet l-ewwel qorti, wara li kkundannat lill-appellant ammenda ta’ Lm25, “tordnalu” jhallas mitejn lira manteniment lil martu. L-appell odrjern, ghalhekk, jimmerita li jigi akkolt fir-rigward tal-piena inflitta.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn l-appellant gie kkundannat ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira kif ukoll fejn l-ewwel qorti ordnatlu jhallas mitejn lira manteniment lill-martu, u minflok, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22(1) tal-

[1] “Ghal dawn il-motivi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat l-Art. 338(z) tal-Kap. 9 tikkundannah ammenda ta’ Lm25 u tordna li jhallas Lm200 manteniment lil martu.”

Kap. 446, tilliberah minghajr kundizzjoni; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------